MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2006

Numru 967/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**

**V**

**ALBANO GRIMA**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ALBANO GRIMA** ta' sebgha w tletin sena bin il-mejjet Joseph u Carmen nee Spiteri, imwieled Haz Zebbug nar l-erbatax ta' Gunju 1969 u residenti 182, Triq San Pawl, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 245769M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin u cioe fil-perjodu t'a bejn Awissu 2003 u Awissu 2004, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

i) Talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ ta’ xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar minn mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin bi hsara ta’ Charmaine Tanti, detentrici tal-karta tal-identita numru 189982M u ta’ Victor Lia detentur tal-karta tal-identita numru 279033M;

ii) Talli approprja ruhu minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin liema flejjes jappartjenu lil istess Charmaine Tanti bhala kera ta’ fond 147, Triq Matti Grima, Bormla, liema fond huwa proprjeta ta’ Victor Lia, detentur tal-karta tal-identita numru 279033M;

iii) Talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-erbatax ta’ Gunju 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

iv) Talli kkommetta dan r-reat waqt l-operat ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta} nhar l-erbatax ta’ Gunju 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta’ Jannar 2006 [fol 40] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta’ Frar 2006 [fol 41] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmintax ta' April 2006 [fol 52].

Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per il-Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar l-erbatax ta' Gunju 2002 fil-konfront tal-imputat odjern esibita bhala dokument MC a fol 42 tal-atti.

Semghet lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar s-sbatax ta' Lulju 2006.

Ikkunsidrat:
Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed l-Ispettur Kevin Borg** [fol 16] fejn qal li l-puliizja kontra r-reati ekonomici kienet irceviet kwerela datata l-ewwel ta' Lulju 2005 minghand Victor Lia fil-konfront tal-imputat odjern u skond l-istess kwerela, Victor Lia, fis-sena 2001, kien kera l-post tieghu f'147, Triq Matti Grima, Bormla ghas-somma ta' mitejn lira maltin lil imputat odjern u dan bi skrittura privata datata sbatax ta' Awissu 2001.

Xehed li f'din l-iskrittura kienu saru diversi pattijiet u kondizzjonijiet, fosthom li l-imputat kien projbit li jissulloka jew icedi l-kera anke parzjalment. Kompla jixhed li skond l-istess kwerela, l-imputat issulloka l-post lil terzi fil-perjodu ta' bejn t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003 u t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2004 lil Charmaine Tanti, detentrici tal-karta tal-identita numru 189982M u lil certu Pierre Tanti detentur tal-karta tal-identita numru 291578M.

Ix-xhud spjega li matul l-investigazzjoni rrizulta li l-imputat fil-perjodu imsemmi kien veru kera l-post lil Charmaine Tanti. Qal li meta hu baghat ghal Charmaine Tanti fl-ufficju tieghu din qaltlu li kienet ghamlet ftehim mal-imputat biex tikri l-post minghandu. Qal li meta staqsiha jekk l-imputat f'xi hin kienx qalilha li l-post kienx tieghu jew le, hi <u>kienet wiegbet fin-negattiv</u> u li hi <u>kien minghaliha</u> li l-post kien tieghu. Qal li Charmaine Tanti nfatti qaltlu li

wara li kien sar il-ftehim, hi kienet tat s-somma ta’ mitejn u hamsin lira bhala depositu lil imputat u mitejn lira bil-quddiem bhala kera.

Qal li sussegwentement, permezz ta’ mandat mahrug nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, hu flimkien ma WPS 95 kienu marru 155, Triq San Nikola, l-Belt Valletta, fejn kien jghix l-imputat u dan gie arrestat u wara li kien tah s-solita twissija, l-imputat kien ammetta mieghu li hu kien kera l-post lil Charmaine Tanti u li kien ha l-flejjes fuq imsemmija, minkejja l-fatt li kien jaf li ma setghax jikri l-istess fond. Qal li l-imputat kien qallu li kien jaf li ma setghax jikri l-istess fond lil terzi. Ix-xhud esebixxa l-kwerela ta’ Victor Lia, kif wkoll l-iskrittura privata li saret bejnu u bejn l-imputat nhar s-sbatax ta’ Aiwssu 2001[fol 19 et seq] kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li giet mmarkata bhala dokument KB 1 [fol 25].

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 **xehed Victor Lia** [fol 26] fejn ikkonferma li f’Lulju 2005 hu kien ghamel rapport lil Kummissarju tal-Pulizija liema rapport jinsab esibit bhala dokument KB. Qal li hu kien infurmah li meta kien kera l-fond lil imputat, l-imputat kien issullokah lil haddiehor bla ebda dritt ghaliex kien hemm bil-miktub li ma setghax jaghmel hekk. Qal li fit-tieni lok hu kien ma hallasx l-kera ghas-sena 2004 – 2005. Zied jghid li sussegwentement l-imputat telaq mill-post u mar joqghod f’post iehor li ma kienx jaf fejn hu. Ikkonferma li hu l-post in kwistjoni kien krih lil imputat skond skrittura esibita datata sbatax ta’ Awissu 2001 u li wara kien sar jaf li f’dak l-post kienet marret toqghod Charmaine Tanti ghaliex kien cempillu kuginuh n-Nutar Lia u qallu b’dan. Qal li hu sussegwentement kien nizel ma huh u sab lil Charmaine Tanti f’dan il-post. Qal li lil imputat kien qallu b’dan kollu pero minn naha tieghu <u>ma kkummentalu xejn</u>. Qal li hu mhux proprjetarju wahdu ta’dan il-fond imma ko-proprjetarju u li dan kien gie ghandu b’wirt. Mistoqsi jekk fetahx xi kawza civili fil-konfront ta’ Charmaine Tanti, x-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid li lanqas ittra ufficjali ma kien baghatilha. Qal li llum il-gurnata Charmaine Tanti m’ghadhiex tghix f’dan il-fond ghaliex l-imputat kecciha minn hemmhekk. Mistoqsi jekk jafx ghaliex Charmaine

Tanti m'ghadhiex tghix hemmhekk, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehdet Charmaine Tanti** [fol 28] fejn qalet li hi toqghod fi Triq l-Isptar Navali l-Kalkara ma ommha llum il-gurnata. Qalet li qabel kienet toqghod 147, Triq Matti Grima, Bormla. Qal li dan l-ahhar imsemmi fond kienet krietu minghand l-imputat li gharfet presenti fl-awla. Qal li kienet krietu meta kienet iltaqghet ma persuna maghrufa bhala l-Istilla, u kien mar l-imputat u qalilha li kellha mitejn u hamsin lira maltin bhala rigal u kera ta' mitejn lira fis-sena. Qalet li kien qalilhom wkoll li kellu jixtri ktieb tal-kera. Ziedet tghid li kienu ltaqghu hdejn x-Xghajra ta' Bormla, marru l-Kunsill Lokali w ghamlu kuntratt hemmhekk. Kompliet tghid li l-imputat qatt ma qalilha li l-fond ma kienx tieghu pero qalilha li jekk jircievi xi posta hemmhekk, kellha taghtihulu. Qalilha wkoll li setghet toqghod hemmhekk sakemm thallas il-kera u hu ma kienx ser ikecciha minn hemmhekk. Qalet li taghtu kollox u taha c-cavetta u bdiet toqghod fih. Qalet li xi zmien wara kien mar tal-Labour Office certu Attard u qalilha li l-post ma kienx jappartjeni lil imputat u sabiex tfittex lil sidu proprju. Qalet li wara saret taf li l-post kien mikri minghand n-Nutar Lia ta' Haz Zabbar u marret tkellmu u qalilha li hemmhekk kien ta' certu kugin tieghu, Victor Lia. Qalet li ghal bidu dan Victor Lia kien halliha toqghod ghal xi zmien hemmhekk pero wara li kien mar l-imputat u talabha titlaq minn hemm. Qalet li l-fond kienet haditu fit-tlieta w ghoxrin ta' Awiossu 2003 u harget minnu f'April 2004 ghal habta tal-Ghid. Qalet li l-imputat fil-post kien hallilha xi ghamara, vetrina tal-kcina, gwardarobba u xi oggetti ohra. Qalet li meta harget mill-post, peress li harget qabel, l-imputat kien taha erbghin lira fi flus.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005 **xehed Vincent Lia** [fol 32] fejn meta gie muri d-dokument S a fol 14, qal li dan d-dokument gie ffirmat minn Nutar Lydia Zerafa fil-Kunsill Lokali ta' Bormla u kienu presenti, ommu, Carmen Lia u ohtu Cathleen Lia, Victor u Joe Lia u l-imputat. Qal li dan d-dokument, fost kundizzjonijiet ohra kien hemm mitkub li dan il-post 147, Triq Matti Grima, Bormla, ma jistax jigi mikri lil terzi mill-imputat odjern.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-elementi tar-reati in kwistjoni moghtija mill-proskeuzzjoni fil-konfront tal-imputat, u cioe dawk ta' misapproprjazzjoni u frodi, ma jirrizultawx.

Illi l-mertu tal-kawza, kif tajjeb osservat d-difiza, huwa wiehed purament civili u li kellu jinstemgha semmai, f'kaz li l-kwerelat hass ruhu aggravat b'dak li ghamel l-imputat, quddiem il-Qorti Civili, fejn setgha jistitwixxi kawza ghad-danni f'kaz li pprova li sofra xi danni jew ghall-izgumbrament ta' Charmaine Tanti, jekk l-istess Charmaine Tanti ma rieditx titlaq mill-post meta giet mitluba.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn l-provi, l-Qorti ma tistax taqbel ma dak sollevat mill-prosekuzzjoni fin-nota taghha u tilliberah minn kull akkuza.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 308, 309, 310, 293, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat ALBANO GRIMA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------